MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1395/2004

**CLT Hotel Services Ltd et**

**Vs**

**Intramed Ltd**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm294.92 (mitejn, erba` u disghin liri Maltin u tnejn u disghin centezmu) dovuti ghal servizzi ta' akkomodazzjoni rezi lis-socjeta` konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra s-socejta` konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-10 ta’ Lulju 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fis-27 ta’ Settembru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------